QRENDI LOCAL COUNCIL

Minuti tal-laqgħa numru sbatax (17) tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi (KLQ)li nżammet nhar id-9 ta' Settembru, 2025 fil-5.30pm fl-Uffiċċju Amministratti, 7, Triq il-Knisja, l-Qrendi f'7 Triq il-Knisja, il-Qrendi.

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Sur David Michael Schembri | Sindku |
| | Sa Anthea Sacco | Viċi Sindku |
| | Sur Karmenu Farrugia | Kunsilliier |
| | Sa Marion Parnis | Kunsillier |
| | Sur Anthony Bonello | Deputat Segretarju Eżekuttiv (DSE) |

17.01 **Qari tal-ittri ta' apoloġija** — Presedenza u ittri ta' apoloġija

Is-Sindku, is-Sur David Michael Schembri ippresjeda l-laqgħa u qal it-talba flimkien mal-kunsillieri. Inqrat l-ittra ta' apoloġija tas-Sa Nina Briffa u din kienet skużata.

17.02 **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti tas-seduta numru sittax** — Minuti

Il-minuti tas-seduta numru sittax kienu ikkunsidrati u approvati unanimament b' korrezzjoni - fejn is-Sa Marion Parnis kienet skużata għaliex minkejja li ma kelliex ittra ta' apoloġija, kienet qalet lill-kunsillieri illi dak in-nhar ma setgħetx tattendi peress li kienet iċċaqalqet id-data biex ikunu akkomodati oħrajn. Dawn il-minuti kienu mressqa għall-vot mis-Sa Anthea Sacco u ssekondati mis-Sur Karmenu Farrugia.

**Punti mill-Minuti**

17.02.01 Is-DSE qal illi kien hemm żvilupp fuq il-punt fejn issemma li s-sollijiet taċ-ċnut tal-*playing field* ta' Ġnien Nicolo Communet kienu għal ponta u perikolużi. Hu qal li dawn ġew kollha ittundjati mil-kuntrattur. — Sollijiet

17.02.02 Dwar l-ingaġġ tal-iskrivan/a, d-DSE qal illi d-dipartiment tal-Gvern Lokali ma aċċettax lanqas in-nomina tas-Sa Chelsea Mifsud minħabba l-kwalifiċi u għaldaqstant ma kellniex għażla oħra ħlief li noħorġu s-sejħa mil-ġdid. — Ingaġġ ta' Skrivan/a

17.02.03 Dwar l-ingaġġ tas-SE, id-DSE qal li diġa' iltaqa' mas-Sa Rachel Aquilina mhux uffiċjalment għal *handing over* nhar is-Sibt, 6 ta' Settembru, 2025. Din se tibda' uffiċjalment f'Ottubru, 2025. — Segretarju Ezekuttiv

17.03 **Ħarġa għand l-ET l-President ta' Malta** — Mawra għand l-ET il-President ta' Malta

Il-KLQ iddiskuta in-nuqqas ta' interess għal din il-ħarġa. Minkejja dan, is-Sindku, is-Sur David Michael Schembri qal li hu ma jistax jattendi għaliex se jkun barra minn xtutna, iżda li kien għalih ma titħassarx. Se nagħtu ċans sad-data tal-għeluq u s-Sa Anthea Sacca qalet imbagħad

naraw jekk issirx jew le peress li kien skedat li jqaddes quddiesa l-Kappillan tal-Qrendi u dan mhux se jqaddes għal ftit persuni. Jekk issir, se jinkera mini bus u mhux coach għaliex ma jkunx hemm bżonn daqshekk spazju għat-trasport. Dwar id-donazjoni lill-President għall-Community Chest Fund, se naraw jekk nistgħux nagħtu donazzjoni mil-flus imfaddla.

17.04 **Evalwazzjoni tal-attività – Minn Pjazza għal Pjazza**

Is-Sa Anthea Sacco qalet illi din kienet waħda mill-aqwa attivitajiet li saru fil-Qrendi. Hija qalet illi kull min ġie faħħarha ħafna u kien hawn diversi viżitaturi barranin. Is-Sindku, is-Sur David Michael Schembri staqsa jekk kienx hemm qligħ mit-tombla ħalli wieħed jagħti donazzjoni minnhom lill-ET l-President fil-laqgħa li se jkollna magħha. Id-DSE qal illi intlaqgħu tajjeb kulturalment il-ftuħ ta' Ħaġar Qim u l-ispjega minn Heritage Malta kif ukoll il-ftuħ tal-WWII Schelter tal-Każin ta' Lourdes. Is-Sindku, is-Sur David Michael Schembri qal li kien ikun aktar tajjeb li kieku kien hemm miftuħ iċ-Ċentru tal-Viżitaturi ta' Ħaġar Qim, pero' ma kienx ikun hemm ħin li jaraw 7min filmat fuq dawn it-tempji.

17.05 **Evalwazzjoni tal-Underwater Clean Up (Wied iż-Żurrieq)** Underwater Sea Clean Up

Dwar l-*Underwater clean up* f'Wied iż-Żurrieq nhar is-Sibt, 30 ta' Awwissu, 2025, is-Sur David Michael Schembri, s-Sindku, qal illi minkejja li l-baħar ma kienx favur tagħna, irnexxielna nagħmlu *joint venture* mad-divers u irkuprajna mil-baħar numru ta' tyres, slielem tal-baħar, makkinarju ta' ajruplan u diversi skart ieħor bħall-ħġieġ. Dwar il-proposta li mil-flus imfaddla (għax id-divers kienu kollha voluntieri) nieħdu lit-tfal ta' Skola Sajf għall-Eco Hive, din kellha tiġi skartata għaliex laħqu ħaduhom l-għalliema tagħhom.

17.06 **Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti** Skeda tal-pagamenti

L-iskeda tal-pagamenti numru SCH01/18.08.25-9.9.2025 u dik tal-petty cash AC08 kienu approvati unanimament.

17.07 **Punti oħra**

17.07.01 Is-Sur David Michael Schembri tkellem fuq l-iskema tad-Dipartiment Gvern Lokali – Ulied il-Kunsillieri. Hu qal illi issa jmiss li l-Viċi Sindku, s-Sa Anthea Sacco issib xi ħadd li għandu l-liċenzja li jieħu kura tat-tfal biex kull meta jkollna l-laqgħa tal-Kunsill ikun hemm min jieħu kura tat-tifel tagħha. Għad-domanda min jista' jieħu ħsieb lit-tfal wara l-ħin taċ-Child Care Centres, is-Sur Karmenu Farrugia qal illi viċin tagħna f'Ħal Luqa hemm dawn il-faċilitajiet. Skema Ulied il-Kunsillieri

17.07.02 Is-Sur David Michael Schembri ippropona illi nippubblikaw mappa 3 D biex fiha jkun hemm impittra l-mappa totem tal-Qrendi bl-attrazzjonijiet kollha turistiċi u storiċi. Hu qal illi din hija eżattament bħal dik f'postijiet bħall-Birgu u l-Imdina u qed tintalab stima ta' Eur2,360 VAT eskluż mingħand is-Sur Joseph Fenech Soler. 3D Totem Map

17.07.03 Is-Sindku, is-Sur David Michael Schembri qal illi ġejna mistiedna minn *Explore Malta* biex nissieħbu mal-MTA biex ikunu promossi l-attrazzjonijiet storiċi. Explore Malta

17.07.04 Is-Sur David Michael Schembri qal illi irċevejna minn belt minn Ħbiberija maċ-Ċina

Shangai, fiċ-Ċina (isem diffiċli) biex niffirmaw magħhom *a letter of intent* dwar relazzjoni ta' ħbiberija u ta' benefiċċju kulturalment, saħħa u informatika. Is-Sindku, qal li se jkellem lil Konslu minħabba li dawn huma sfidi kbar finanzjarjament minħabba id-distanza u l-passaġġi tal-ajru għoljin.

| | | |
|---|---|---|
| 17.07.05 | Is-Sindku, s-Sur David Michael Schembri tkellem dwar il-programm tal-PBS Bonġu Malta li kien se jsir fil-lokalità tal-Qrendi. Hu qal li dan ma jistax isir fil-31 ta' Mejju għaliex huma għandhom xi ħaġa oħra dak in-nhar u għaldaqstant trid tinstab data oħra. | Programm tal-PBS |
| 17.07.06 | Is-Sindku, is-Sur David Michael Schembri, qal li nhar is-26 ta' Awwissu tkellem mad-Dipartiment tal-Indafa u l-Manutenzjoni dwar it-toilets awtomatiċ. Dawn urewna x-xewqa tagħhom li jagħmlu *showers* u kull min ikun irid jużahom, ikun irid iħallas. Hu kompla jgħid li se toħroġ offerta pubblika mil-Gvern Ċentrali. | Latrini Awtomatiċi |
| 17.07.06 | Is-Sur Karmenu Farrugia tkellem dwar tabella fil-bidu ta' Triq it-Tempesta u qal li din trid tinbidel. | Manutenzjoni ta' Tabella |
| 17.07.07 | Is-Sindku, is-Sur David Michael Schembri tkellem dwar ix-xogħlijiet fi Triq Gregorio Mifsud. Hu qal li l-KSI ippressaw il-mains il-ġodda tal-ilma biex jaraw hemmx xi leakage u se jkunu irranġati l-bankini mal-kumplament tat-triq. | KSI fi Triq Gregorio MIfsud |
| 17.07.08 | Is-Sindku, is-Sur David Michael Schembri tkellem dwar ix-xogħlijiet tal-Kunsill tal-ippavimentar ta' Triq Lourdes. Hu qal li dan se jibda' dalwaqt mil-kuntrattur tal-Kunsill. | Pavimentar ta' Triq Lourdes |
| 17.07.09 | Is-Sa Anthea Sacco tikellmet dwar il-*Christmas Village*. Hija qalet illi irridu naraw kemm se jagħtuna fondi biex inkunu nistgħu nagħmlu budget għal dan il-għan. Hija staqsiet jekk nistgħux nużaw il-fondi tar-Reġjun Punent għal din l-attività kulturali. Is-Sindku, is-Sur David Michael Shembri qal li aħjar noqgħodu attenti kif nużawhom għaliex il-KLQ irid ukoll jippubblika ktieb u rridu l-għajnuna mill-istess font. Dwar id-dati tal-*Christmas Village*, se naraw jekk is-6 u 7 Diċembru humiex id-dati idejali. | Christmas Village |
| 17.07.10 | Is-Sa Anthea Sacco tkellmet dwar il-ħarġa li jmiss tal-magazine tal-KLQ. Is-Sindku, is-Sur David Michael Schembri qal li fil-ħarġa li jmiss għandu jkun hemm aktar dwar ix-xogħlijiet tal-Kunsill milli fuq l-NGOs, filwaqt li s-Sur Karmenu Farrugia issuġġerixxa li jagħti kontribut din id-darba is-Sur Emanuel Muscat b'xi artiklu kif dwar kif kien il-Qrendi per eżempju fil-Gwerra. | Magazine |
| 17.07.11 | Is-Sur Karmenu Farrugia tkellem fuq id-dwal tal-Milied u qal li din is-sena irridu naħsbu kif se nixehelu aktar toroq mis-sena li għaddiet li s-sena l-oħra intlaqgħu tajjeb. Is-suġġett tqajjem mid-DSE għaliex hekk kif tieħu postha s-SE il-ġdida trid tibda' taħdem fuq dan is-suġġett kif ukoll fuq in-nomini ta' Ġieħ il-Qrendi. | Dwar tal-Milied u Ġieħ il-Qrendi |
| 17.07.12 | Is-Sur Karmenu Farrugia tkellem fuq il-manutenzjoni li hemm bżonn fuq Triq il-Providenza ġaladarba m'hemmx il-kelma li se tinkesa malajr minn Infrastruttura Malta. Is-Sindku, is-Sur David Michael Schembri | Triq il-Providenza |

qal li hu diġa' ffirma it-*trenching permit* biex isiru xi xogħlijiet ta' tħaffir mas-*Sub Station* li hemm fil-qrib.

17.07.13 Is-Sur Karmenu Farrugia ilmenta minn diversi *charging pillars* li qed isiru fil-Qrendi għaliex fl-ideja tiegħu dawn qed jieħdu parkeġġi ta' vetturi oħra li m'humiex elettriċi. Is-Sindku, is-Sur David Michael Schembri qal li hu jaħseb li għandna mmorru mal-programm tal-Gvern u nħajru aktar persuni jixtru vetturi elettriċi għal ġid ambjentali tagħna stess. Charging Pillars

17.07.14 Is-Sa Marion Parnis tkellmet fuq il-*cat shelters* li hemm quddiem il-ħanut tal-merċa fejn il-monument tal-Gwerra. Hija staqsiet jekk hux possibbli li dawn jitnaddfu mil-ħaddiema tad-Dipartiment tal-Indafa u l-Manutenzjoni. Dwar dan, is-Sa Anthea Sacco talbet li jinħasu l-bandli mill-istess dipartiment. Cat Shelters u ħasil tal-Bandli

17.07.15 Is-Sur Karmenu Farrugia għadda suġġeriment sabiex il-KLQ jħawwel arblu tal-bandiera fejn ir-*roundabout* li hemm fuqha l-ġebel ta' Ħaġar Qim kif ukoll sabiex jinbidel il-kulur tad-dwal taħt l-istess ġebel. Arblu tal-Bandiera u bdil tal-kulur tad-dwal

17.08 **Data tal-laqgħa li jmiss** Aġġornament

Il-KLQ temm il-laqgħa fis-7.15pm u d-data u l-ħin tal-laqgħa li jmiss se jkunu it-13 ta' Ottubru 2025 fil-5.30pm.

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati nhar it-13 ta' Ottubru 2025 minn David Michael Schembri

Deputat Segretarju Ezekuttiv Sindku



Kunsill Lokali tal-Qrendi; 7, Triq il-Knisja, Qrendi; Tel: 21680404; E-mail: qrendi.lc@gov.mt